Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TNEJN U ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 12 ta' Jannar 2011

**Ħin:** Mis-5.30pm sas-7.35pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
L-Avukat Trevor De Giorgio
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg (wasal fis-5.40pm)

## 1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tal-Wieħed u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-Wieħed u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 15 ta' Diċembru 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tal-Wieħed u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 15 ta' Diċembru 2010 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. <u>Mill-Minuti.</u>

1. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li żmien ilu l-Kunsill kien qal li jekk iżdied *bring-in-site* din issir fi Triq Wiġi Muscat, għaldaqstant hija staqsiet jekk għadux bl-istess ħsieb li din issir, sabiex tkun tista tieħu l-passi meħtieġa. Il-Kunsill unanimament approva li l-Kunsill japplika biex issir *bring-in-site* ġdida fi Triq Wiġi Ebejer, mal-ħajt tal-ġnien 'l isfel mill-unika *parking bay* li hemm.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara li saret talba għal-aktar fondi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tiġi rranġata l-istatwa ta' Santa Marija, ir-risposta kienet waħda negattiva. Wara li saret talba lid-Dipartiment, peres li x-xogħol kellu jsir sa l-aħħar ta' 2010, id-Dipartiment estenda ż-żmien li fih jista jsir ix-xogħol sa l-aħħar ta' Marzu 2011. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi reġgħet ħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet biex isir ix-xogħol u din tgħalaq fit-28 ta' Jannar 2011.

   Il-Kunsillier G. Borg informa lill-Kunsill illi tkellem mal-Ministru T. Fenech biex jikseb għajnuna biex tiġi restawrata l-istatwa ta' Santa Marija mill-*Good Causes Fund* fejn il-Ministru infurmaħ illi NGO tista tapplika għal-fondi. Il-Kunsillier T. DeGiorgio ppropona li

ż-żewġ Kazini tal-banda japplikaw flimkien għal-fondi biex tiġi rrestawrata l-istatwa. Il-fondi li ngħata l-Kunsill flimkien mal-fondi li jingħataw lill-Kazini ser ikun ifisser li l-Kunsill flimkien maż-żewġ kazini għamlu proġett flimkien biex l-wirt kulturali ta' Ħal Balzan ikun salvagwardjat.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-petizzjoni li nġabret dwar *flooding* tal-Wied ta' Ħal Balzan (mehmuza).

4. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill illi l-*gazebo* bdiet tiġi stallata fil-post nhar it-Tnejn, 13 ta' Diċembru 2010 imma għadha mhiex kompluta peres li min kien qed jarmahha kellu bżonn jidhol l-isptar. Id-ditta nfurmatha li x-xogħol ser jitkompla fi żmien qasir.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill marret tara c-*changing room* tal-grownd tal-football fi Triq Robert Mifsud Bonnici, Ħal Lija u l-prezz li qed jitoblu għal-kiri tas-sala għal-klassijiet ta' l-*aerobics* huwa ta' €23 kull session ta' siegħa. Il-Kunsill unanimament approva li tintuza s-sala tal-football grownd ta' Ħal Balzan. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li bagħatet 37 ittra jew *email* lill dawk li pparteċipaw fil-passat, qiegħdet avvizi fin-*noticeboards* tal-Kunsill u tal-Kappillan, fil-*website* tal-Kunsill u sallum kien hemm biss 7 applikazzjoni. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio talab li jsir avviz mill-Kappillan wara l-quddies u li jintbagħat *poster* lill kull kazin biex jitqiegħed fin-*noticeboards* tagħhom ukoll.

## 3. <u>Korrispondenza.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn is-16 ta' Diċembru 2010 u t-12 ta' Jannar 2011 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tat-12 ta' Jannar 2011 (mehmuz).

**Ittra Numru 35/11:** L-ittra mill-Kulleġġ St. Teresa dwar Proġett favor stili ta' Ħajja Sana f'Komunitajiet Sostenibbli ġiet innutata. Is-Sindku u/jew il-Kunsillier Dr. T. Degiorgio ser jattendu, skond min ikun jista dakinhar.

**Ittra Numru 34/11:** L-emajl mill-AKL dwar konferenza dwar il-politika nazzjonali dwar l-ilma ġiet innutata.

**Ittra Numru 33/11:** It-talba ta' sid ta' post fil-Wied ta' Ħal Balzan dwar l-għargħar ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li ma jistax jitlef *parking spaces* għal-erba xhur tas-sena imma unanimament qabel li titqiegħed tabella biex tinfurma lill min jipparkja hemm li l-arja hija suġġetta għal-għargħar. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tapplika għal-permess meħtieġ.

**Ittra Numru 26/11:** It-talba ta' resident biex Triq it-Tabib issir *one-way* bejn Triq il-Wied ta' Ħal Balzan u Triq il-Providenza ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament approva li t-traffiku jidħol mill-Wied ta' Ħal Balzan, għaldaqstant iridu jsiru tabelli *No Entry* fil-kantuniera ma Triq il-Providenza. It-talba li ssir *sleeping policeman* ma ġiet approvata minħabba fl-inkonvenjent li tikkawza lir-residenti It-talba li titqiegħed tabella *No Entry Heavy Vehicles* kienet ġiet approvata fil-passat u qed nistennew li jinħareġ il-permess ta' Transport Malta.

**Ittra Numru 21/11:** L-emajt tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar estenzjoni ta' żmien biex isir ix-xogħol fuq l-istatwa ta' Santa Marija ġiet innutata.

**Ittra Numru 14/11:** L-istedina għal-laqgħa informattiva dwar is-sigurta fil-*playing field* ġiet innutata. Il-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea ser jattendi.

**Ittra Numru 8/11:** L-ittra mil-Kunsill Lokali Ħ'Attard wara li saret talba biex jitqiegħed bank quddiem il-Ġonna ta' San Anton ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li jixtri bank.

**Ittra Numru 1260/10:** L-istedina mill-MEUSAC għal-laqgħa ta' konsultazzjoni dwar "Towards a Single Market Act – for a highly competitive social market economy" ġiet innutata.

**Ittra Numru 1258/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *Appraisal Reports* u *Performance Bonuses* lis-Segretarji Eżekuttivi ġiet innutata.

**Ittra Numru 1257/10:** L-ittra mill-MEPA dwar dokumenti li kienu jintbagħat dwar applikazzjonijiet ġodda ġiet innutata.

**Ittra Numru 1256/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar talba għal-aktar fondi biex tiġi restawrata l-istatwa ta' Santa Marija fejn ġejna nfurmati li ma jistawx jingħataw aktar fondi ġiet innutata.

**Ittra Numru 1255/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2011 ġiet innutata.

**Ittra Numru 1245/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Linji Gwida dwar Trattament ta' Provvisti minn Għaqdiet Kazini tal-Banda għall-Fini ta' VAT ġiet innutata.

**Ittra Numru 1239/10:** L-emajl mill-OPM dwar Skema dwar Inizjattivi ta' attivitajiet 2011 ġiet innutata.

**Ittra Numru 1237/10:** Il-permess tal-MEPA biex isir pedestal għal-bandiera tal-pjazza ġiet innutata.

## 4. Kommunikazzjoni tas-Sindku.

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi bħalissa kien qed jisemma fil-media li huwa ppropona li titneħħa s-*CCTV camera* tal-pjazza ta' Ħal Balzan u dan in-konnessjoni mal-kawza li għaddejja bħalissa kontra Dr. David Gatt, eks-spettur tal-pulizija in konnessjoni mal-*holdup* li kien sar fuq il-fergħa tal-bank HSBC ta' Ħal Balzan f'Novembru 2007. Huwa nnota li ħass li kellu jinforma lill Kunsill il-*camera* tneħħiet għaliex kien ilu jkun hemm problemi u li ma kienitx qed taħdem sew u kien hemm żmien li twaqqfet milli titħaddem biex tiġi rranġata imma qatt ma kienet qed taħdem sew u dan sa mis-sena 2006. Kien hemm diversi drabi fejn intalbu filmati li rrizultaw difettuzi u li l-Kunsill kien qed jispiċċa jħallas kera għalxejn għax lanqas *monitoring* ma kien qed isir kif wieħed jista jara mill-Minuti ta' dak iż-żmien. Kien hemm kazi fejn il-pulizija kienu talbu filmati li ma swew għalxejn għal-diversi raġunijiet tekniċi. Fil-fatt il-Kumitat Konġunt kien qed jevalwa s-sitwazzjoni tas-*CCTV cameras* kollha li jaqaw taħtu u kien iddeċieda li jitfi numru ta' *CCTV cameras*. Is-Sindku nnota li meta l-Kunsill iddiskuta x'jagħmel bis-*CCTV camera* tal-pjazza, d-deċiżjoni li ttieħedet kienet waħda unanima. Huwa qal li meta l-bank kien ġie mistoqsi jridx *coverage* bil-*camera* tal-pjazza kien irrisponda li għandu s-*CCTV camera* tiegħu.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi huwa b'mod personali ħallas għall-kalendarju tal-Balzan Youths Football Club peres li l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet. Kien qiegħed jgħid dan peres li jidher il-loġo tal-Kunsill.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-proġett ambjentali tal-Kulleġġ Santa Tereza kien wasal biex jiġi implimentat fejn ġiet *launched website* apposta u kull Kunsill kien ser jingħata *banners* u *recycling bins* għal-uffiċċju, dawn iridu jinġabru mill-iskola. Is-Segretarju

Ezekuttiv għandha tieħu ħsieb torganizza l-ġbir mill-iskola. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet min ser ibattal il-*bins* li ser jingħataw, risposta ma ngħatatx f'dan l-istadju, għaldaqstant għandha tivverifika ma l-organizatturi tal-proġett.

**5. Rapport Finanzjarju Annwali għas-sena 2010.**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi r-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2010 ma setax jiġi pprezentat għax ma kienx tlesta fil-ħin. Il-Kunsill iddeċieda li jiddiskuti r-rapport fil-laqgħa li jmiss li ser issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Jannar 2011 fis-7.00pm.

**6. Estimi għas-Sena 2011.**

L-Estimi *draft* emendati għas-sena finanzjarja 2011 tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuza). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet xi mistoqsijiet tal-Kunsilliera u saru xi emendi. L-estimi, kif emendati kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr. T. Degiorgio li kien issekondat mis-Sindku. L-estimi ġew approvati unanimament u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv bħala document korrett. Is-Segretarju Ezekuttiv ser tagħmel l-emendi neċessarji u tipprezenta kopja fil-*format* formali skond ir-regolamenti biex tiġi ffirmata waqt l-laqgħa li jmiss.

**7. *Business Plan* għat-Tlett snin 2011-2013.**

Peres l-*Business Plan* għat-tlett snin 2011-2013 jrid jiġi *updated* skond il-estimi li għadhom kif ġew approvati, dan ser jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

**8. Rapporti ta' l-Effiċienża tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-Effiċjenza għas-sena 2010 fir-rigward tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, s-Sna M. Zammit. Tqiegħdu ukoll fuq il-mejda tal-Kunsill, estratti mill-avviż legali 127 ta' l-1998 (artiklu 19) u minn avviz legali 64 ta' l-2001 (artiklu 3) li jinsabu mehmuza, kopja ta' dawn l-istess estratti ingħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. F'dan il-ħin is-Segretarju Ezekuttiv kienet skuzata mil-laqgħa u ħarġet mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u talab lis-Segretarju Ezekuttiv terġa tidħol fil-kamra. Is-Sindku nforma li lis-Segretarju Ezekuttiv illi fuq proposta tal-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* ta' 10% tas-salarju. Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzjat lill-Kunsill.

**9. Diskussjoni dwar offerti mitfugħa għal-Ġbir ta' Skart – R.C. 2/10.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed l-*file* li fih l-iskedi ta' l-offeri li ntefgħu fir-rigward ta' l-offerti għal-Ġbir ta' Skart – R.C. 2/10, skeda li turi aktar dettalji dwar l-offerta, skeda ta' Evalwazzjoni u dokument estratt mid-dokumenti ta' l-offerta dwar *evaluation criteria* (mehmuza) Kopja tad-dokumenti msemmija ngħatat lill-kull Kunsillier qabel il-laqgħa. Il-Kunsill unanimament approva l-kriterja li ntuzat biex tħejja r-rapport ta' l-evalwazzjoni. Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Dr. T. Degiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg il-Kunsill unanimament approva li jagħti l-kuntratt lis-Sur Saviour Mifsud li għadda mill-kriterji kollha ta' l-evalwazzjoni u kellu l-irħas prezz ukoll. Il-Kunsill unanimament qabel li l-kuntrattur il-ġdid jibda jipprovdi s-servizz mill-1 ta' Frar 2011.

**10. Kunsill Lokali Żagħżagħ.**

Il-Kunsillier Dr. T. Degiorgio informa lill-Kunsill illi ser jiġi ffurmat Kunsill Lokali Zagħżagħ f'Ħal Balzan li ser jibda jiltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa kien ser jieħu responsabilita' li

jiftaħ s-Sala meta jkollhom il-laqgħat. Huwa nforma lill-Kunsill illi l-Gvern Ċentrali ser joħroġ 75% ta' €10,000 li għandhom jintużaw fuq proġett li jipproponi l-Kunsill Lokali Żagħżagħ filwaqt li l-Kunsill irid joħroġ 25%.

## 11. Rapport dwar l-ilmenti.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti li jġib id-data tal-15 ta' Diċembru 2010 (mehmuz).

**Ilment Numru 17010038129877:** It-talba għal-kaxxa safra quddiem garaxx ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li jekk ma hemmx kaxxi sofor il-Kunsill irid jieħu deċiżjoni biex jinzebgħu *parking bays* fit-triq. Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill illi hemm *parking bays* fit-triq għaldaqstant kien ser jiżbogħ kaxxa safra quddiem il-garaxx b'numru 1 fil-Wied ta' Ħal Balzan.

**Ilment Numru 17010095132686 u 17011007137605:** Ara Korrispondenza, ittra numru 26 għad-deċizjoni aktar kmieni waqt il-laqgħa.

**Ilment Numru 17010001134079 u 17010013136701:** L-ilment dwar l-ilma li qed jinżamm fi Triq Idmejda ġie nnutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi Transport Malta mhux tagħti risposti għal-korrispondenza li qed tintbagħat u jeħtieġ li ssir laqgħa mal-Ministru. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv terġa tikteb lill-Transport Malta u tibgħat kopja tal-korrispondenza lill-Ministru u lis-Segretarju tal-Ministru u lis-Sur Stanley Portelli CEO ta' Transport Malta.

**Ilment Numru 17010081134179:** Ilment dwar ilma li dieħel minn Triq il-Barriera għal-*semi-basement* fl-istess triq. Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill illi huwa mar fuq il-post u ma jaħsibx li l-ilma dieħel mit-triq. Is-Sindku nnota li jista jkun li hemm ilma ġieri mill-għelieqi li dieħel bil-*basement* mill-blat.

**Ilment Numru 17010009135322 u 17011079137580:** Il-Kunsill unanimament approva li jitqiegħed bank fuq in-naha ta' Ħ'Attard tal-bieb tal-Ġonna ta' San Anton.

## 12. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-12 ta' Jannar 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €9,339.26 u r-rapport tal-*petty cash* għax-xahar ta' Diċembru 2010 li jammonta għas-somma ta' €60.45.

L-iskeda ta' ħlasijiet u x-xiri li sar mill-*petty cash* kienu proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi- Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet u l-ħlas li sar mill-*petty cash*. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Perit A. Bezzina kien qed jilmenta li għad baqa ħlas pendenti li jrid isir mill-Kunsill u staqsa x'inhi l-kwistjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi għalkemm għaddew kwazi sentejn minn meta sar ix-xogħol, il-perit kien għadu ma ppreżentax ċertifikazzjoni tax-xogħol li sar fuq Triq Kannizzata / Triq Qarċilla / Triq Patri Guze Delia għaldaqstant tħallas pagament *on account* biss sakemm nirċievu ċ-ċetifikazzjoni. Dwar l-applikazzjoni għal-pedestal tal-pjazza, il-perit kien ipprezenta kont aktar minn dak miftiehem u ntalab jirrevedi l-kont, għalhekk ma sarx ħlas. Il-Kunsill unanimament approva li jsir ħlas *on account* ta' €200.00 lill perit bil-kundizzjoni li jipprezenta ċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol li sar fuq Triq Kannizzata / Triq Qarċilla / Triq Patri Guze Delia.

**13. Affarijiet Oħra.**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi għal-Jiem il-Ġonna ngħatajna €2000. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv torganizza laqgħa mal-Kunsill Lokali Ħ'Attard biex niddiskutu l-attivita' li għandha ssir flimkien. Id-data proposta għal-laqgħa hija d-19 ta' Jannar 2011 fis-6.00pm. Il-persuna li kienet imliet l-applikazzjoni li ser tieħu ħsieb il-kordinament għandu jiġi mistieden jattendi ukoll.

Is-Sindku nnota li l-MEPA skedat "Villa Madama u l-Ġonna tagħha" b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-Kunsill unanimament qabel li jibgħat ittra flimkien ma l-avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern lill persuni kollha li kienu attendew il-laqgħa li kienet saret meta kienet iddaħħlet applikazzjoni ta' żvilupp fuq Villa Madama.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn , 17 ta' Jannar 2011 fis-7.00pm.

________________________
**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

________________________
**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

________________________
Data